32006R1849

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1849/2006

ta' l-14 ta' Diċembru 2006

li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2032/2003 dwar it-tieni fażi tal-programm ta' ħidma ta' 10 snin imsemmi fl-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward it-tqegħid fis-suq ta' prodotti bijoċidali

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti bijoċidali [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 16(2) tagħha,

Billi:

(1) Sabiex jiġi assigurat aċċess aħjar għall-informazzjoni, għandhom jitħejjew rapporti skond il-bażi tar-rapporti ppreżentati mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri u għandhom ikunu koperti mill-istess regoli rigward l-aċċess għall-informazzjoni bħar-rapporti ta' l-awtoritajiet kompetenti. Ir-rapporti ta' evalwazzjoni għandhom jirriżultaw mill-awtorità kompetenti oriġinali kif emendati fid-dawl tad-dokumenti, tal-kummenti u ta' l-informazzjoni kollha li ġew meqjusa matul il-proċess ta' evalwazzjoni.

(2) Sabiex tiżdied iċ-ċertezza legali, wara l-1 ta' Settembru 2006, għandu jkun hemm proviżjoni għat-tneħħija gradwali, ta' prodotti bijoċidali li jkun fihom sustanzi attivi notifikati li m'għandhomx jiġu inklużi, għal parti minn jew għat-tipi kollha tal-prodotti notifikati, f'Annessi I, IA jew IB mad-Direttiva 98/8/KE, jew għax tneħħew mill-programm ta' reviżjoni jew għax wara l-evalwazzjoni ma nstabux li kienu aċċettabbli.

(3) Skond Artikolu 4b tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2032/2003 [2], l-Istati Membri eżaminaw dossiers li jitolbu estensjoni tal-perjodu għat-tqegħid fis-suq ta' prodotti bijoċidali li fihom sustanzi speċifiċi attivi u aċċettaw dawk li kienu kompluti. Għalhekk huwa xieraq li s-sustanzi koperti mid-dossiers li ġew aċċettati, jibqgħu fis-suq wara l-1 ta' Settembru 2006, sakemm jiġu evalwati skond il-programm ta' reviżjoni ta' 10 snin.

(4) Għal għadd ta' sustanzi attivi eżistenti li dwarhom kien hemm notifika jew taħlita ta' tipi ta' prodotti, l-parteċipanti jew irtiraw in-notifika tagħhom jew ma rnexxilhomx ikunu konformi ma' l-impenji tagħhom, waqt li l-ebda operatur jew Stat Membru ieħor ma esprima interess biex jieħu l-istatus ta' parteċipant fid-dati ta' skadenza li ngħataw. Għalhekk, Annessi II, III u V mar-Regolament (KE) Nru 2032/2003 għandhom jiġu emendati.

(5) Fil-każ ta' wieħed mis-sustanzi msemmi fil-lista f'Anness II mar-Regolament (KE) Nru 2032/2003 taħt in-numru KE 404-690-8, tħassru żewġ tipi ta' prodotti, għalkemm kienu nnotifikati fil-limiti ta' żmien li kienu stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1896/2000 tas-7 ta' Settembru 2000 fuq l-ewwel fażi tal-programm rigward prodotti bijoċidali msemmi fl-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [3] u Regolament tal-Kummissjoni (KE) 1687/2002 tal-25 ta' Settembru 2002 li jittratta dwar perjodu addizzjonali ta' notifika ta' ċerti sustanzi attivi li jinsabu digà fis-suq għal użu bijoċida kif stabbilit fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 1896/2000 [4]. Għalhekk, Anness II mar-Regolament (KE) Nru 2032/2003 għandu jiġi emendat.

(6) L-ismijiet ta' ċerti sustanzi koperti mir-reġistrazzjonijiet tal-BKC u DDAC imniżżla f'Anness II mar-Regolament (KE) Nru 2032/2003 jidhru wkoll f'Anness III ma' dak ir-Regolament. Għalhekk, ir-reġistrazzjonijiet rispettivi għandhom jitħassru minn Anness III mar-Regolament (KE) Nru 2032/2003.

(7) Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 2032/2003 għandu jiġi emendat skond dan.

(8) Il-miżuri kif previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Regolament (KE) Nru 2032/2003 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 4(2), żdied is-subparagrafu li ġej:

"Wara l-1 ta' Settembru 2006, l-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-prodotti bijoċidali li jkun fihom sustanzi attivi li kienu nnotifikati għall-evalwazzjoni fi ħdan il-qafas tal-programm ta' reviżjoni u li dwarhom ittieħdet deċiżjoni biex ma jiġux inklużi dawn is-sustanzi attivi f'ċerti tipi jew fit-tipi kollha ta' prodotti notifikati f'Annessi I, IA jew IB ma' Direttiva 98/8/KE, m'għadhomx jitpoġġew fis-suq fit-territorju tagħhom għat-tipi ta' prodotti konċernati, b'effett minn 12-il xahar wara li tali deċiżjoni tkun daħlet fis-seħħ; sakemm ma jiġix stipolat mod ieħor f'dik id-deċiżjoni ta' non-inklużjoni."

[1] ĠU L 123, 24.4.1998, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/50/KE (ĠU L 142, 30.5.2006, p. 6).

[2] ĠU L 307, 24.11.2003, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1048/2005 (ĠU L 178, 9.7.2005, p. 1).

[3] ĠU L 228, 8.9.2000, p. 6. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 2032/2003 ĠU L 307, 24.11.2003, p. 1).

[4] ĠU L 258, 26.9.2002, p. 15.

(2) Fl-Artikolu 11, żdied il-paragrafu 4 li ġej:

"4. Fuq il-bażi tad-dokumenti u ta' l-informazzjoni msemmija f'Artikolu 27(2) tad-Direttiva 98/8/KE, l-Istat Membru *Rapporteur* għandu jħejji rapport aġġornat ta' awtorità kompetenti għal dokument I li se jissejjaħ bħala r-rapport ta' evalwazzjoni. Dan ir-rapport ta' evalwazzjoni għandu jiġi rivedut fi ħdan il-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali."

(3) L-Artikolu 12 jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 12*

Fejn Stat Membru *Rapporteur* ippreżenta rapport lill-awtorità kompetenti skond Artikolu 10(5) ta' dan ir-Regolament, jew fejn rapport ta' evalwazzjoni ġie konkluż jew aġġornat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali, il-Kummissjoni għandha tagħmel ir-rapport jew kwalunkwe aġġornament tagħha, disponibbli għall-pubbliku permezz ta' mezzi elettroniċi, minbarra għall-informazzjoni li għandha tiġi trattata bħal kunfidenzjali skond Artikolu 19 tad-Direttiva 98/8/KE."

(4) L-Anness II huwa emendat skond l-Anness I għal dan ir-Regolament.

(5) L-Anness III huwa emendat skond l-Anness II għal dan ir-Regolament.

(6) L-Anness V huwa emendat b'konformità ma' l-Anness III għal dan ir-Regolament.

(7) L-Anness VII huwa emendat skond l-Anness IV għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 14 ta' Diċembru 2006.

Għall-Kummissjoni
Stavros DIMAS
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

L-Anness II mar-Regolament (KE) Nru 2032/2003 huwa emendat kif ġej:

(1) Ir-Reġistrazzjonijiet dwar is-sustanzi li ġejjin jinbidlu b'dan li ġej:

Isem (EINECS u/jew oħrajn)	Numru EC	Numru CAS	PT01	PT02	PT03	PT04	PT05	PT06	PT07	PT08	PT09	PT10	PT11	PT12	PT13	PT14	PT15	PT16	PT17	PT18	PT19	PT20	PT21	PT22	PT23
"Formaldehyde	200-001-8	50-00-0	1	2	3	4	5	6			9		11	12	13							20		22	23
Propan-2-ol	200-661-7	67-63-0	1	2	3	4	5	6			9	10	11	12						18					
Aċidu Ċitriku	201-069-1	77-92-9	1	2	3																				
Nonanoic acid	203-931-2	112-05-0		2								10									19				
Aċidu Oktanojku	204-677-5	124-07-2				4														18	19				
Aċidu dekanojku	206-376-4	334-48-5				4														18	19				
Didecyldimethylammonium chloride	230-525-2	7173-51-5	1	2	3	4		6	7	8	9	10	11	12	13										
Dijossidu tal-kubrit	231-195-2	7446-09-5	1	2		4	5	6			9		11	12	13							20		22	
Jodju	231-442-4	7553-56-2	1	2	3	4	5	6	7		9	10	11											22	
Sodium hydrogensulphite	231-548-0	7631-90-5	1	2		4	5	6			9		11	12	13							20		22	
Disodium disulphite	231-673-0	7681-57-4	1	2		4	5	6			9		11	12	13							20		22	
Sulfat tas-sodju	231-821-4	7757-83-7	1	2		4	5	6			9		11	12	13							20		22	
Sulfat tal-Potassju	233-321-1	10117-38-1	1	2		4	5	6			9		11	12	13							20		22	
Pyrithione zinc	236-671-3	13463-41-7		2				6	7		9	10			13								21		
Dipotassium disulphite	240-795-3	16731-55-8	1	2		4	5	6			9		11	12	13							20		22	
4,5-Dichloro-2-octyl-2H-isothiazol-3-one	264-843-8	64359-81-5						6	7	8	9	10	11	12									21		
Quaternary ammonium compounds, benzyl-C12-16-alkyldimethyl, chlorides	270-325-2	68424-85-1	1	2	3	4		6	7	8	9	10	11	12	13										

Isem (EINECS u/jew ohrajn)	Numru EC	Numru CAS	PT01	PT02	PT03	PT04	PT05	PT06	PT07	PT08	PT09	PT10	PT11	PT12	PT13	PT14	PT15	PT16	PT17	PT18	PT19	PT20	PT21	PT22	PT23
Prodotti ta' reazzjoni ta': glutamic acid u N-(C12-14-alkyl)propylenediamine	403-950-8	164907-72-6	1	2	3	4																			
Taħlita ta': (C8-18)alkylbis (2-hydroxyethyl)ammonium bis(2-ethylhexyl)phosphate; (C8-18)alkylbis(2-hydro xyethyl)ammonium 2-ethyl-hexylhydrogenphosphate	404-690-8	68132-19-4						6	7		9														
Abamectin (Taħlita ta' avermectin B1a;>80 % EINECS 265-610-3, u avermectin B1b;< 20 % EINECS 265-611-9)	Prodotti għall-Ħarsien tal-Pjanti	71751-41-2																		18					
Poly-(hexamethylendiamine guanidinium chloride)	Polimeri	57028-96-3	1	2	3	4	5	6	7		9	10	11	12	13							20			
Oligo-(2-(2-ethoxy)ethoxyethyl guanidinium chloride)	Polimeri	374572-91-5	1	2	3	4	5	6	7		9	10	11	12	13							20”			

(2) Ir-reġistrazzjonijiet marbuta mas-sustanzi li ġejjin huma miżjuda:

Isem (EINECS u/jew ohrajn)	Numru EC	Numru CAS	PT01	PT02	PT03	PT04	PT05	PT06	PT07	PT08	PT09	PT10	PT11	PT12	PT13	PT14	PT15	PT16	PT17	PT18	PT19	PT20	PT21	PT22	PT23
“Hydrogen cyanide	200-821-6	74-90-8								8						14				18					
(2R,6aS,12aS)-1,2,6,6a,12,12a-hexahydro-2-isopropenyl-8,9-dimethoxychromeno[3,4-b]furo[2,3-h]chromen-6-one/Rotenone	201-501-9	83-79-4																	17						
Cinnamaldehyde/3-phenyl-propen-2-al	203-213-9	104-55-2		2																					

Isem (EINECS u/jew oħrajn)	Numru EC	Numru CAS	PT01	PT02	PT03	PT04	PT05	PT06	PT07	PT08	PT09	PT10	PT11	PT12	PT13	PT14	PT15	PT16	PT17	PT18	PT19	PT20	PT21	PT22	PT23
Lauric acid	205-582-1	143-07-7																			19				
Calcium dihydroxide/calcium hydroxide/caustic lime/hydrated lime/slaked lime	215-137-3	1305-62-0		2	3																				
Calcium oxide/lime/burnt lime/quicklime	215-138-9	1305-78-8		2	3																				
Ammonium sulphate	231-984-1	7783-20-2											11	12											
Calcium magnesium oxide/dolomitic lime	253-425-0	37247-91-9		2	3																				
Calcium magnesium tetrahydroxide/calcium magnesium hydroxide/hydrated dolomitic lime	254-454-1	39445-23-3		2	3																				
Ethyl [2-(4-phenoxyphenoxy)ethyl] carbamate/Fenoxycarb	276-696-7	72490-01-8								8															
Tetrachlorodecaoxide complex	420-970-2	92047-76-2		2																					
N-((6-Chloro-3-pyridinyl) methyl)-N'-cyano-N-methylethanimidamide/ Acetamiprid	Prodott għall-Ħarsien tal-Pjanti	160430-64-8																		18"					

(3) Ir-reġistrazzjonijiet rigward is-sustanzi li ġejjin huma mħassra:

— Sodium hydrogencarbonate

— Phthalaldehyde

— Sodium 5-chloro-2-[4-chloro-2-[[[(3,4-dichlorophenyl)amino]carbonyl]amino]phenoxy]benzenesulphonate

— Pirimiphos-methyl

— Silica, amorphous, crystalline-free

— S-Cyphenothrin

— Homopolymer of 2-tert-butylaminoethyl methacrylate (EINECS 223-228-4).

ANNESS II

L-Anness III mar-Regolament (KE) Nru 2032/2003 huwa emendat kif ġej:

(1) Ir-reġistrazzjonijiet rigward is-sustanzi li ġejjin huma mħassra:

— Hydrogen cyanide

— (2R,6aS,12aS)-1,2,6,6a,12,12a-hexahydro-2-isopropenyl-8,9-dimethoxychromeno[3,4-b]furo[2,3-h]chromen-6-one/Rotenone

— Cinnamaldehyde/3-phenyl-propen-2-al

— Cetalkonium chloride

— Benzyldimethyl(octadecyl)ammonium chloride

— Benzododecinium chloride

— Miristalkonium chloride

— Lauric acid

— Didecyldimethylammonium bromide

— Dimethyldioctylammonium chloride

— Benzyldodecyldimethylammonium bromide

— Ammonium sulphate

— Decyldimethyloctylammonium chloride

— Benzyldimethyloleylammonium chloride

— Quaternary ammonium compounds, coco alkyltrimethyl, chlorides

— Quaternary ammonium compounds, benzylcoco alkyldimethyl, chlorides

— Quaternary ammonium compounds, dicocoalkyl dimethyl, chlorides

— Quaternary ammonium compounds, bis(hydrogenated tallow alkyl)dimethyl, chlorides

— Quaternary ammonium compounds, benzyl-C8-18-alkyldimethyl, chlorides

— Quaternary ammonium compounds, di-C6-12-alkyldimethyl, chlorides

— Quaternary ammonium compounds, benzyl-C8-16-alkyldimethyl, chlorides

— Quaternary ammonium compounds, benzyl-C10-16-alkyldimethyl, chlorides

— Ethyl [2-(4-phenoxyphenoxy)ethyl]carbamate/Fenoxycarb

— Quaternary ammonium compounds, di-C8-18-alkyldimethyl, chlorides

— Quaternary ammonium compounds, benzyl-C8-18-alkyldimethyl, bromides

— Tetrachlorodecaoxide complex

— N-((6-Chloro-3-pyridinyl)methyl)-N'-cyano-N-methylethanimidamide/Acetamiprid

— Alkyl-benzyl-dimethylammonium chloride/Benzalkonium chloride.

(2) Ir-reġistrazzjonijiet li ġejjin huma miżjuda:

Isem (EINECS u/jew ohrajn)	In-numru EC	In-numru CAS
"Sodium hydrogencarbonate	205-633-8	144-55-8
Phthalaldehyde	211-402-2	643-79-8
Sodium 5-chloro-2-[4-chloro-2-[[[(3,4-dichlorophenyl)-amino]carbonyl]amino]phenoxy]benzenesulphonate	222-654-8	3567-25-7
Pirimiphos-methyl	249-528-5	29232-93-7
Silica, amorphous, crystalline-free		112945-52-5
S-Cyphenothrin	Prodott għall-Ħarsien tal-Pjanti	
Homopolymer of 2-tert-butylaminoethyl methacrylate (EINECS 223-228-4).	Polimeri	26716-20-1"

ANNESS III

L-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 2032/2003 hu emendat kif ġej:

(1) F'Parti B, ir-reġistrazzjonijiet rigward is-sustanzi li ġejjin huma mħassra:

— Sodium hydrogencarbonate

— Sodium 5-chloro-2-[4-chloro-2-[[[(3,4-dichlorophenyl)amino]carbonyl]amino]phenoxy]benzenesulphonate

— Pirimiphos-methyl

— Silica, amorphous, crystalline-free

— S-Cyphenothrin

— Homopolymer of 2-tert-butylaminoethyl methacrylate (EINECS 223-228-4).

(2) F'Parti C ir-reġistrazzjonijiet rigward is-sustanzi li ġejjin huma mħassra:

— Sodium hydrogencarbonate

— Phthalaldehyde

— Homopolymer of 2-tert-butylaminoethyl methacrylate (EINECS 223-228-4).

(3) F'Parti D, ir-reġistrazzjonijiet rigward is-sustanzi li ġejjin huma mħassra:

— Phthalaldehyde

— Homopolymer of 2-tert-butylaminoethyl methacrylate (EINECS 223-228-4).

ANNESS IV

F'Anness VII mar-Regolament (KE) Nru 2032/2003, ir-reġistrazzjonijiet fir-rigward tas-sustanzi li ġejjin, huma mħassra:

— Calcium dihydroxide/calcium hydroxide/caustic lime/hydrated lime/slaked lime

— Calcium oxide/lime/burnt lime/quicklime

— Calcium magnesium oxide/dolomitic lime

— Calcium magnesium tetrahydroxide/calcium magnesium hydroxide/hydrated dolomitic lime